# Ġwanni ta' San Sansun

## *"Osservazzjonijiet fuq ir-Regola Karmelitana"*

**minn P. Glen Attard, O.Carm.**

L-Erbatax-il Ktieb ta' fra Ġwann ta' San Sansun fil-kollezzjoni ta' kitbiet li ġabar P. Donatien ta' San Nikola jġib l-isem sempliċi u dirett "Osservazzjonijiet fuq ir-Regola Karmelitana." Kif diġà għedna, P. Donatien ġabar flimkien, f'ordni biex jinftiehem, kitbiet li oriġinarjament kienu diskorsi jew konferenzi li spontanjament in-novizzi ta' fra Ġwann ittraskrivew hu u jitkellem. Minħabba f'hekk, il-lingwaġġ ta' fra Ġwann mhux dejjem hu faċli biex tifhmu. Imma l-ordni ta' P. Donatien tagħmel possibbli li aħna napprezzaw mhux biss l-istruttura fiha nnifisha (għax f'din naraw x'tip ta' influss kellu fra Ġwann fuq id-dixxipli tiegħu) imma ċertament ukoll il-kontenut mistiku tad-diskorsi ta' fra Ġwann. Għalhekk, f'dan il-kummentarju wkoll, bħal fil-kitba "Il-Veru Spirtu tal-Karmelu" naraw imżewqin l-esperjenza mistika ta' fra Ġwann, ir-ruħ tar-riforma tal-Karmelu Franċiż fis-seklu 17, flimkien ma' dik ta' P. Donatien li għamel din l-esperjenza aċċessibbli għalina llum.

Il-Kummentarju huwa mqassam f'erbatax-il kapitlu u, bejn wieħed u ieħor, isegwi l-istess loġika tar-Regola nnifisha. Nistgħu naqsmu l-kapitli fi tliet partijiet. L-ewwel parti (kapitli 1 u 14), titkellem dwar il-ħtieġa li wieħed iqaddes il-post fejn jgħix b'ħajja "imħeġġa, qaddisa, u prattika." Fl-aħħar kapitlu jerġa' jirritorna għal dan il-punt meta jitkellem dwar min hu perfett fl-għajnejn ta' Alla. It-tieni parti (kapitli 2 sa 4 u 12 sa 13), imbagħad, titkellem dwar li r-rwol tas-superjur, li għandu fil-komunità, hu prinċipalment l-obbligu li jeleva lil ħutu għal ħajja spiritwali aħjar u iżjed awtentika. It-tielet parti, il-qalba tat-test (kapitli 5 sa 11), titkellem dwar l-għodda li l-Karmelitan għandu jħaddem biex din il-ħajja spiritwali tħalli l-frott, bħal, ngħidu aħna, is-silenzju, is-solitudni, it-talb flimkien, l-astinenza, il-korrezzjoni fraterna, u l-armi spiritwali.

Fra Ġwann jibda billi jgħid bla tlaqliq, "M'hawn imkien li huwa minnu nnifsu qaddis jekk mhux għax kien l-ewwel imqaddes minn Alla, li hu Qdusija Sovrana, u li jqaddes id-dinja bil-ħidma qaddisa u divina tiegħu. Għalhekk hu sar bniedem, biex iqaddes, jiġifieri, jagħti forma divina lilna l-bnedmin [ara 2 Pt 1:4]" (kap 1). Il-Karmelitan iħares lejn id-dinja u l-bnedmin ta' madwaru b'lenti divina, biex ngħidu hekk, bil-lenti ta' Alla. Jara fihom dan "il-ġest nobbli u qaddis ta' Alla li wettaq fihom l-opra tal-fidwa" (kap 1). Ir-Regola, jgħidilna fra Ġwann, tfakkarna li l-Karmelitan, fuq il-passi tal-



Profeta Elija – li fittex li jikkontempla dawn il-ħwejjeġ tajba u qaddisa fis-solitudni tal-muntanja –, huwa msejjaħ biex jipparteċipa fil-ħidma ħallieqa ta' Alla billi jkun sinjal ħaj tal-grazzja ta' Alla, strument ta' paċi u djalogu, u b'dan il-mod ikompli l-istess ħidma ta' Alla li jqaddes l-imkejjen li aħna ngħixu fihom. Jgħidilna fra Ġwann, "Għandna nqaddsu l-postijiet li aħna ngħixu fihom, b'xewqa ħajja, imħeġġa u prattika, konformi mal-ispirtu veru ta' missirijietna" (kap 1). Dan ifisser li aħna nistgħu nkomplu l-ħidma ħallieqa ta' Alla biss jekk, l-ewwel u qabel kollox, insiru nafu lilna nfusna, speċifikament liema xewqat isuquna 'l quddiem. Fil-fatt, fil-ħsieb fin tiegħu, bħal San Ġwann tas-Salib, fra Ġwann jiġbdilna l-attenzjoni li hemm xi wħud li jħobbu lil Alla u jgħixu ħajja tajba għax jibżgħu mill-infern, oħrajn għax iridu t-tgawdija tal-ġenna, u oħrajn – li huma l-iżjed perfetti fosthom – għax huma interessati mhux tant fil-frott tal-ħidma tagħhom (jiġifieri jekk humiex se jiksbu l-ġenna jew l-infern), imma minħabba l-qdusija fiha nnifisha. Dawn tal-aħħar iħobbu lil Alla għax hu Alla, u mhux għax se jikkastigana jew jippremjana. "Għar-ruħ qaddisa, il-ħajja interjuri kollha mħabba hija l-ġenna, filwaqt li l-ħajja esterjuri [għandna nifhmu ta' distakk minn Alla], hija l-mewt" (kap 14).

Fra Ġwann imbagħad iżid jgħid li fil-ħajja spiritwali jeżisti biss Mexxej wieħed, l-Iben ta' Alla li sar bniedem biex jeħlisna mill-ħakma tad-dnub. Il-ħajja kollha tagħna, li fiha nfittxu li nsiru nafu u nħobbu dejjem iżjed b'mod liberu u safi lil Alla, ma tagħmilx sens jekk mhux fil-preżenza tiegħu. Huwa billi nrawmu lilna nfusna ngħixu fil-preżenza tiegħu li l-imkejjen tagħna se jissaffew u jiġġeddu. F'kuntest ta' Knisja li tilfet, fl-għajnejn tal-ħafna, il-kredibilità tagħha, il-kliem ta' fra Ġwann ifakkarna llum li mhuwiex fid-diskorsi li tinsab il-qdusija vera imma fiż-żamma tad-dar interjuri tagħna "fis-safa tal-moħħ, tal-qalb u tal-ġisem" (kap 2). Huwa biss billi kull wieħed minna jiftakar bla waqfien fil-preżenza qaddisa u ma taqta' xejn ta' Alla li sejrin inkomplu l-ħidma ħallieqa ta' Alla u nqaddsu l-postijiet li aħna ngħixu u naħdmu fihom. Għal fra Ġwann, ir-rwol tas-superjur għandu jkun proprju dan, li "jgħolli interjorament lil ħutu fil-komunità." Permezz "tat-talb, tal-ġabra u tal-għajxien tal-voti" (kap 4) li jitlob mill-oħrajn, is-superjur għandu jmexxi bl-eżempju billi jkun għall-komunità strument li jwassalha dejjem għand Kristu. Fra Ġwann ifakkar għall-prudenza kbira meta jinsisti li l-proġett ta' ħajja li ngħixu flimkien, skont il-linji-gwida li tagħtina r-Regola, ma jdurx madwar is-superjur imma madwar Alla. Huwa fil-preżenza ta' Alla biss li nqaddsu lil xulxin u lill-imkejjen li aħna ngħixu fihom. "Ħalli ma jkollkom xejn tagħkom biex tgħixu f'għaqda flimkien fil-fidi u fl-imħabba. Itolbu biss [mis-superjuri tagħkom] dak li hu neċessarju. Min-naħa tagħhom, is-superjuri jagħmlu ħażin jekk jeżiġu l-istess qawwa fit-talb, l-istess intelliġenza, l-istess perfezzjoni tal-virtù. Għandhom jagħtu lok għal differenzi f'dak li hu naturali, fil-kundizzjoni umana ta' kull wieħed, u fil-mod ta' kif wieħed iġorr lilu nnifsu" (kap 3). Ikompli jgħid, "Huwa veru, o superjuri, li għandkom tkunu anġli umani, distakkati mill-ħwejjeġ tad-dinja, tkunux timidi u lanqas beżżiegħa, imxu iżjed bl-imħabba milli bil-ġustizzja, kunu iżjed kontemplattivi milli attivi, ipperseveraw f'ħajja ta' talb ma taqtax, u fittxu kull okkażjoni biex tidħlu fid-drawwa ta' din il-prattika" (kap 12).

Fl-aħħar nett, fra Ġwann jitkellem ukoll dwar strumenti tipikament Karmelitani għall-ħajja spiritwali, is-silenzju, is-solitudni, it-talb flimkien, l-astinenza, il-korrezzjoni fraterna u l-armi spiritwali. Jisħaq – mhux biss mis-superjuri iżda minn kulħadd – li "biex wieħed jerġa' lura lejn Alla, xejn ma hu iżjed neċessarju mis-solitudni, kemm tal-ġisem kif ukoll tar-ruħ" (kap 5). Mingħajr il-kapaċità li wieħed ikun waħdu ma' Alla – liema bżonn, jgħidilna fra Ġwann, tfakkarna fih kemm-il darba l-Iskrittura – għalxejn jipprova jiggranfa mal-attivitajiet l-oħrajn tar-ruħ. Kif jista' wieħed ma jfittex li jkun waħdu ma' Alla meta din hija t-triq l-iżjed żgura għall-għaqda miegħu? Is-solitudni li qiegħed jitkellem dwarha fra Ġwann mhijiex waħda ta' malinkonija jew firda, imma waħda attiva, huwa spazju interjuri li wiċċ imb wiċċ magħna nfusna u ma' Alla, minnu, kuljum aħna nimtlew b'enerġija biex naġixxu b'ġesti ta' mħabba, fejn wieħed ma jfittixx li jkun moqdi hu u mhux ħuh li jgħix miegħu, u fejn wieħed joħroġ barra mid-dinja tiegħu u jiltaqa' ma' ħuh fid-dinja interjuri tiegħu. Ovvjament, dan ma jiġiniex naturali. Jitlob minna ħafna sforzi, fuq kollox silenzju interjuri biex nisimgħu l-vuċijiet ta' qalbna u f'nofshom il-vuċi sottili ta' Alla. Dan it-tip ta' smigħ attent fra Ġwann isejjaħlu "is-silenzju l-aktar sigriet u l-iktar ġewwieni" fejn Alla jinftiehem mhux tant bil-moħħ imma permezz ta' qari ta' sinjali li bihom Alla jġib 'il quddiem, bil-koperazzjoni tagħna, "is-Saltna tiegħu fl-erwieħ li jsiru jixbhuh" (kap 6). Fuq kollox, l-ikbar arma li għandu l-Karmelitan hija l-ħajja interjuri. Huwa hawn li jiġġieled l-vera ġlieda, kontrih innifsu, li "jagħżel aktar li jmut elf darba milli jintrebaħ mill-għedewwa [tal-ġisem] bħal wieħed dgħajjef u ġifa." Għal fra Ġwann, il-ġlieda spiritwali vera mhija xejn ħlief li wieħed "iżomm qalbu sħiħa u pura biex ngħixu fil-preżenza ta' Alla" u dan nagħmluh billi ngħixu ħajja ta' virtù (ara kap 11).